# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 82/2016

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Victoire Muliet**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Victoire Muliet, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 490975M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Awissu, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqset milli taghti lil Hamoud Abdulslam, is-somma ta' €450.00, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Artikolu 338(z) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imsemmija Victoire Muliet hatja w ikkundanata ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victoire Muliet, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hatja tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Semghet lill-kwerelant bil-gurament;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif jiddemostraw l-atti processwali, l-appellanta kienet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli naqset milli thallas lill-kwerelant dik ir-retta alimentarja kif ordnata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). L-appellanta mhix qed tikkontesta s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti izda thossha aggravata bil-piena inflitta, igifieri dik ta' gimgha detenzjoni. Dan l-appell huwa fil-fatt bazat fuq il-gravami singolari li dik il-piena kienet wahda harxa tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn hi ma kellhiex mezzi biex thallas il-manteniment meta deheret quddiem l-ewwel Qorti;
2. Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2017, il-Kwerelant ikkonferma bil-gurament quddiem din il-Qorti illi wara s-sentenza appellata u fil-mori l-appellanta kienet hallset mhux biss is-somma dovuta mertu ta' dan l-appell izda ukoll l-ammonti mertu ta' zewg appelli ohra ukoll pendenti

quddiem din l-istess Qorti u li ma kien ghad fadallu ebda pretensjoni kontra l-appellanta;

3. Issa, ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appelli Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata, jibqa' l-fatt illi l-ghan tal-legislatur intlahaq appena l-appellanta ottemperat ruhha mal-ordni tal-Qorti billi hallset il-manteniment minnha dovut

4. In vista ta' dan, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tikkonferma l-piena ta' detenzjoni u ghalhekk qeghda tilqa dan l-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja, tibdilha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal-perjodu ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannaha ghall-twiddiba.

Giovanni Grixti
Imhallef